DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2315

tas-17 ta' Diċembru 2021

li temenda d-Deċiżjoni 2011/163/UE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE

(notifikata bid-dokument C(2021) 9751)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE ([1]), u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 29(1) u l-Artikolu 29(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 96/23/KE jirrikjedi li l-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati jimportaw annimali u prodotti tal-annimali koperti minn dik id-Direttiva, jissottomettu pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi li jipprovdu l-garanziji meħtieġa ("il-pjanijiet"). Jenħtieġ li l-pjanijiet ikopru mill-inqas il-gruppi tar-residwi u tas-sustanzi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 96/23.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE ([2]) tapprova l-pjanijiet sottomessi minn ċerti pajjiżi terzi dwar l-annimali u l-prodotti tal-annimali, li huma elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Il-pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-laħam u stonkijiet, vexxiki u intestini ttrattati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), huma elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([4]). Il-pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-laħam f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), huma elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 ([6]).

([1]) ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118).

(4) L-Albanija, l-Arġentina, l-Awstralja, il-Belarussja, il-Brażil, iċ-Ċilì, iċ-Ċina, il-Kolombja, l-Eġittu, l-Indja, l-Iran, il-Ġappun, il-Libanu, il-Mongolja, il-Marokk, New Zealand, il-Pakistan, il-Paragwaj, ir-Russja, is-Serbja, l-Iżvizzera, is-Sirja, it-Tuneżija, it-Turkija, l-Ukrajna, ir-Renju Unit ([7]), l-Urugwaj u l-Użbekistan issottomettew pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi speċifiċi għall-budellati u ġew ivvalutati b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni. Il-pjanijiet kollha sottomessi jipprovdu biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jiġu approvati. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiġi inkluża entrata għal dawn il-pajjiżi terzi fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(5) Jenħtieġ li l-kolonna "Akkwakultura" fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE tinqasam f'erba' subkolonni, jiġifieri "Ħut bil-pinen", "Prodotti tal-ħut bil-pinen", "Krustaċji" u "Molluski", biex tkun allinjata aħjar mal-kategoriji użati għaċ-ċertifikati stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 ([8]), u mal-listi ta' pajjiżi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti stabbiliti fl-Annessi VIII u IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405.

(6) Sabiex jiġu riflessi l-prodotti differenti tal-akkwakultura esportati mill-pajjiżi terzi, il-Kummissjoni evalwat il-pjan ta' monitoraġġ tar-residwi tagħhom u kkonkludiet l-erba' subkolonni, jiġifieri "Ħut bil-pinen", "Prodotti tal-ħut bil-pinen", "Krustaċji" u "Molluski", abbażi tal-informazzjoni stabbilita fil-pjan ta' monitoraġġ tar-residwi tal-akkwakultura tagħhom li ssottomettew, skont dan.

(7) L-Albanija, l-Arġentina, l-Armenja, il-Belarussja, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Gżejjer Falkland, il-Gżejjer Faeroe, Isle of Man, Iżrael, il-Ġappun, il-Kenja, Mauritius, il-Moldova, il-Montenegro, il-Marokk, New Zealand, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja, Singapore, it-Turkija, l-Uganda, l-Ukrajna, ir-Renju Unit u l-Urugwaj issottomettew pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi speċifiċi, ristretti għal subkategorija waħda biss tal-akkwakultura, "ħut bil-pinen", u ġew evalwati b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni. Dawn il-pjanijiet kollha jipprovdu biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jiġu approvati. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiġi inkluża entrata għal dawn il-pajjiżi terzi fis-subkolonna tal-ħut bil-pinen fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(8) L-Awstralja, l-Iran u Madagascar issottomettew pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi speċifiċi relatati mas-subkategorija tal-akkwakultura "prodotti tal-ħut bil-pinen" u ġie evalwat b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni. Dawn il-pjanijiet kollha jipprovdu biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jiġu approvati. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiġi inkluża entrata għal dawn il-pajjiżi terzi fis-subkolonna tal-prodotti tal-ħut bil-pinen fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(9) Il-Belize, il-Brunei, Kuba, il-Gwatemala, il-Mozambique, New Caledonia, in-Nikaragwa, in-Niġerja, it-Tanzanija u l-Venezwela ssottomettew pjan ta' monitoraġġ tar-residwi speċifiċi, ristrett għal subkategorija waħda biss tal-akkwakultura, "krustaċji" u ġie evalwat b'mod sodisfaċenti mill-Kummissjoni. Dawn il-pjanijiet kollha jipprovdu biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jiġu approvati. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiġi inkluża entrata għal dawn il-pajjiżi terzi fis-subkolonna tal-krustaċji fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(10) Il-Messiku ma ssottomettiex pjan għall-prodotti tal-majjal lill-Kummissjoni. Madankollu, il-Messiku pprovda garanziji, fir-rigward tal-prodotti tal-majjal li joriġinaw jew mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi li huma approvati biex jesportaw dawn il-prodotti lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiżdied entrata għall-Messiku fil-kolonna tal-porċini bin-nota f'qiegħ il-paġna adegwata fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

([7]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 1).

(11) L-Emirati Għarab Magħquda ma ssottomettewx pjan għall-ħut bil-pinen lill-Kummissjoni. Madankollu, l-Emirati Għarab Magħquda pprovdew garanziji, fir-rigward tal-ħut bil-pinen li joriġinaw jew mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi li huma approvati biex jesportaw dawn il-prodotti lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiżdied entrata għall-Emirati Għarab Magħquda fis-subkolonna tal-ħut bil-pinen bin-nota f'qiegħ il-paġna adegwata fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(12) Il-pajjiżi terzi jistgħu jakkwistaw prodotti pproċessati ta' oriġini mill-annimali li jinsabu fi prodotti komposti jew mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi oħra approvati għall-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti pproċessati lejn l-Unjoni, bil-għan li jintużaw biss għall-preparazzjoni ta' prodotti komposti għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiżdied entrata għall-pajjiżi terzi li jeħtieġu l-użu ta' dan il-prodott ipproċessat ta' oriġini mill-annimali li jinsab fil-prodotti komposti bin-nota f'qiegħ il-paġna adegwata fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(13) L-Albanija ma tistax tipprovdi pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għall-ħalib, ekwivalenti għal dak meħtieġ fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 96/23/KE. Madankollu, l-Albanija pprovdiet garanziji, permezz ta' dikjarazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2011/163/UE, li tuża biss ħalib li joriġina jew minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi approvati biex jesportaw dawn il-prodotti lejn l-Unjoni, fil-prodott kompost li għandu jiġi esportat lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiżdied entrata għall-Albanija fir-rigward tal-ħalib fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(14) L-Eġittu ma jistax jipprovdi pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għall-ħalib, ekwivalenti għal dak meħtieġ fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 96/23/KE. Madankollu, l-Eġittu pprovda garanziji, permezz ta' dikjarazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2011/163/UE, li juża biss ħalib li joriġina jew minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi approvati biex jesportaw dawn il-prodotti lejn l-Unjoni, fil-prodott kompost li għandu jiġi esportat lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiżdied entrata għall-Eġittu fir-rigward tal-ħalib fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(15) L-Indonezja ma tistax tipprovdi pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għall-ħalib u l-bajd, ekwivalenti għal dak meħtieġ fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 96/23/KE. Madankollu, l-Indonezja pprovdiet garanziji, permezz ta' dikjarazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2011/163/UE, li tuża biss ħalib u bajd li joriġinaw jew minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi approvati biex jesportaw dawn il-prodotti lejn l-Unjoni, fil-prodott kompost li għandu jiġi esportat lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiżdied entrata għall-Indonezja fir-rigward tal-ħalib u l-bajd fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(16) Il-Ġappun ma jistax jipprovdi pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għall-għasel, ekwivalenti għal dak meħtieġ fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 96/23/KE. Madankollu, il-Ġappun ipprovda garanziji, permezz ta' dikjarazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2011/163/UE, li juża biss għasel li joriġina jew minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi approvati biex jesportaw dawn il-prodotti lejn l-Unjoni, fil-prodott kompost li għandu jiġi esportat lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiżdied entrata għall-Ġappun fir-rigward tal-għasel fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(17) Il-Messiku ma jistax jipprovdi pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għall-ħalib, ekwivalenti għal dak meħtieġ fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 96/23/KE. Madankollu, il-Messiku pprovda garanziji, permezz ta' dikjarazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2011/163/UE, li juża biss ħalib li joriġina jew minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi approvati biex jesportaw dawn il-prodotti lejn l-Unjoni, fil-prodott kompost li għandu jiġi esportat lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiżdied entrata għall-Messiku fir-rigward tal-ħalib fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(18) Il-Marokk ma jistax jipprovdi pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għall-ħalib, għall-krustaċji u għall-bajd, ekwivalenti għal dak meħtieġ fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 96/23/KE. Madankollu, il-Marokk ipprovda garanziji, permezz ta' dikjarazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2011/163/UE, li juża biss ħalib, krustaċji u bajd li joriġinaw jew minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi approvati biex jesportaw dawn il-prodotti lejn l-Unjoni, fil-prodott kompost li għandu jiġi esportat lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiżdied entrata għall-Marokk fir-rigward tal-ħalib, il-krustaċji u l-bajd fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(19) L-Oman ma jistax jipprovdi pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għall-ħalib, il-bajd u l-għasel, ekwivalenti għal dak meħtieġ fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 96/23/KE. Madankollu, l-Oman ipprovda garanziji, permezz ta' dikjarazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2011/163/UE, li juża biss ħalib, bajd u għasel li joriġinaw jew minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi approvati biex jesportaw dawn il-prodotti lejn l-Unjoni, fil-prodott kompost li għandu jiġi esportat lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiżdied entrata għall-Oman fir-rigward tal-ħalib, il-bajd u l-għasel fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(20) It-Tajwan ma jistax jipprovdi pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għall-ħalib, ekwivalenti għal dak meħtieġ fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 96/23/KE. Madankollu, it-Tajwan ipprovda garanziji, permezz ta' dikjarazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2011/163/UE, li juża biss ħalib li joriġina jew minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi approvati biex jesportaw dawn il-prodotti lejn l-Unjoni, fil-prodott kompost li għandu jiġi esportat lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiżdied entrata għat-Tajwan fir-rigward tal-ħalib fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(21) Il-Vjetnam ma jistax jipprovdi pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għall-ħalib u l-bajd, ekwivalenti għal dak meħtieġ fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 96/23/KE. Madankollu, il-Vjetnam ipprovda garanziji, permezz ta' dikjarazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2011/163/UE, li juża biss ħalib u bajd li joriġinaw jew minn Stati Membri jew minn pajjiżi terzi approvati biex jesportaw dawn il-prodotti lejn l-Unjoni, fil-prodott kompost li għandu jiġi esportat lejn l-Unjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiżdied entrata għall-Vjetnam fir-rigward tal-ħalib u l-bajd fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(22) L-Awstralja ssottomettiet pjan għall-bajd lill-Kummissjoni. Dak il-pjan jipprovdi biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jiġi approvat. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiġi inkluża entrata għall-Awstralja għall-bajd fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(23) Attwalment, il-Ghana hija inkluża fil-lista ta' approvazzjoni għall-għasel, stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE. Il-Ghana ssottomettiet pjan għall-għasel lill-Kummissjoni li ma jipprovdix biżżejjed garanziji. Għaldaqstant, jenħtieġ li titħassar l-entrata għall-Ghana fir-rigward tal-għasel mill-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE.

(24) Attwalment, l-Iran huwa inkluż fil-lista ta' approvazzjoni għall-prodotti tal-akkwakultura eskluži l-ħut bil-pinen, stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE. L-Iran issottometta pjan għall-prodotti tal-ħut bil-pinen u għall-krustaċji lill-Kummissjoni. Dan il-pjan jipprovdi biżżejjed garanziji. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiġi inkluża entrata għall-Iran għall-prodotti tal-ħut bil-pinen u għall-krustaċji biss fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(25) Attwalment, l-Oman huwa inkluż fil-lista ta' approvazzjoni għall-prodotti tal-akkwakultura eskluži l-krustaċji, stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE. L-Oman issottometta pjan għall-ħut bil-pinen lill-Kummissjoni li ma jipprovdix biżżejjed garanziji. Għaldaqstant, jenħtieġ li titħassar l-entrata għall-Oman fir-rigward tal-ħut bil-pinen mill-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE.

(26) Attwalment, it-Tuneżija hija inkluża fil-lista ta' approvazzjoni għall-kaċċa salvaġġa, stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE. It-Tuneżija ma ssottomettietx pjan għall-kaċċa salvaġġa lill-Kummissjoni u indikat li ma kien hemm l-ebda produzzjoni tal-kaċċa salvaġġa għal ħafna snin. Għaldaqstant, jenħtieġ li titħassar l-entrata għat-Tuneżija fir-rigward tal-kaċċa salvaġġa mill-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(27) Wallis u Futuna ssottomettew pjan għall-għasel lill-Kummissjoni. Dak il-pjan jipprovdi biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jiġi approvat. Għaldaqstant, jenħtieġ li tiġi inkluża entrata għall-Wallis u Futuna għall-għasel fil-lista tal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE skont dan.

(28) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/163/UE tiġi emendata skont dan.

(29) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([9]).

Artikolu 2

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

([9]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

ANNESS

"ANNESS

Kodiċi tal-ISO2	Pajjiż (1)	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur tat-trobbija	Prodotti tal-akkwakultura				Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
							Prodotti tas-sajd			Molluski (molluski bivalvi, ekino-dermi, tunikati u gastropodi tal-ibħra)							
							Ħut bil-pinen	Prodotti tal-ħut bil-pinen (eż. il-kavjar)	Krustaċji								
AD	Andorra	X	X	X (2)	X											X	
AE	L-Emirati Għarab Magħquda						X (2)				X (3)						
AL	L-Albanija		X				X				X (2a)	X					X
AM	L-Armenja						X									X	
AR	L-Arġentina	X	X		X	X	X				X	X	X	X	X	X	X
AU	L-Awstralja	X	X		X		X	X	X	X	X	X		X	X	X	X
BA	Il-Bożnija-Ħerzegovina	X	X	X		X	X				X	X				X	
BD	Il-Bangladesh						X		X								
BF	Il-Burkina Faso															X	
BJ	Il-Benin															X	
BN	Il-Brunei								X								
BR	Il-Brażil	X			X	X	X		X							X	X
BW	Il-Botswana	X															
BY	Il-Belarussja				X (7)		X				X	X				X	X

Kodiċi tal-ISO2	Pajjiż (1)	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur tat-trobbija	Prodotti tal-akkwakultura				Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
							Prodotti tas-sajd			Molluski (molluski bivalvi, ekino-dermi, tunikati u gastropodi tal-ibħra)							
							Ħut bil-pinen	Prodotti tal-ħut bil-pinen (eż. il-kavjar)	Krustaċji								
BZ	Il-Belize								X								
CA	Il-Kanada	X	X	X	X	X	X		X	X	X	X	X	X	X	X	
CH	L-Iżvizzera	X	X	X	X	X	X			X	X	X	X	X	X	X	X
CL	Iċ-Ċilì	X	X	X		X	X			X	X			X		X	X
CM	Il-Kamerun															X	
CN	Iċ-Ċina					X	X		X			X	X			X	X
CO	Il-Kolombja						X		X		X	X (2)					X
CR	Il-Costa Rica						X		X								
CU	Kuba								X							X	
DO	Ir-Repubblika Dominicana															X	
EC	L-Ekwador						X		X								
EG	L-Eġittu										X (2a)						X
ET	L-Etjopja															X	
FK	Il-Gżejjer Falkland	X	X (5)				X										
FO	Il-Gżejjer Faeroe Il-Gżejjer						X										

Kodiċi tal-ISO2	Pajjiż (1)	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur tat-trobbija	Prodotti tal-akkwakultura				Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
							Prodotti tas-sajd			Molluski (molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-ibħra)							
							Ħut bil-pinen	Prodotti tal-ħut bil-pinen (eż. il-kavjar)	Krustaċji								
GB	Ir-Renju Unit	X	X	X	X	X	X			X	X	X	X	X	X	X	X
GE	Il-Georgia															X	
GG	Guernsey	X									X						
GL	Greenland		X												X		
GT	Il-Gwatemala								X							X	
HN	Il-Honduras						X		X								
ID	L-Indoneżja						X		X		X (2a)	X (2a)					
IL	Iżrael (4)					X	X				X	X				X	
IM	Isle of Man	X	X	X			X			X	X					X	
IN	L-Indja					X (2a)	X		X		X (2a)	X				X	X
IR	L-Iran							X	X								X
JE	Jersey	X									X						
JM	Il-Ġamajka															X	
JP	Il-Ġappun	X		X		X	X			X	X	X				X (2a)	X
KE	Il-Kenja						X										
KR	Il-Korea t'Isfel					X	X		X	X	X (2a)	X (2a)				X (2a)	
LB	Il-Libanu																X

Kodiċi tal-ISO2	Pajjiż (1)	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur tat-trobbija	Prodotti tal-akkwakultura				Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
							Prodotti tas-sajd			Molluski (molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-ibħra)							
							Ħut bil-pinen	Prodotti tal-ħut bil-pinen (eż. il-kavjar)	Krustaċji								
LK	Is-Sri Lanka						X		X								
MA	Il-Marokk					X	X		X (2a)	X	X (2a)	X (2a)					X
MD	Il-Moldova					X	X				X	X				X	
ME	Il-Montenegro	X	X (5)	X		X	X				X	X				X	
MG	Il-Madagascar						X	X	X							X	
MK	Il-Maċedonja ta' Fuq	X	X	X		X	X				X	X		X		X	
MM	Il-Myanmar						X		X							X	
MN	Il-Mongolja																X
MU	Mauritius						X									X (2)	
MX	Il-Messiku			X (2)			X		X		X (2a)	X				X	
MY	Il-Malasja					X (2)	X		X								
MZ	Il-Mozambique								X								
NA	In-Namibja	X	X (5)											X			
NC	New Caledonia								X						X	X	
NG	In-Niġerja								X								
NI	In-Nikaragwa								X							X	

Kodiċi tal-ISO2	Pajjiż (1)	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur tat-trobbija	Prodotti tal-akkwakultura				Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
							Prodotti tas-sajd			Molluski (molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-ibħra)							
							Ħut bil-pinen	Prodotti tal-ħut bil-pinen (eż. il-kavjar)	Krustaċji								
NZ	New Zealand	X	X	X (2a)	X	X (2a)	X			X	X	X (2a)	X (2a)	X	X	X	X
OM	L-Oman										X (2a)	X (2a)				X (2a)	
PA	Il-Panama						X		X								
PE	Il-Perù						X		X	X							
PH	Il-Filippini						X		X		X (2a)	X (2a)					
PK	Il-Pakistan																X
PM	Saint Pierre u Miquelon					X											
PN	Il-Gżejjer Pitcairn															X	
PY	Il-Paragwaj	X															X
RS	Is-Serbja (6)	X	X	X	X (7)	X	X				X	X		X		X	X
RU	Ir-Russja	X	X	X		X					X	X			X (8)	X	X
RW	Ir-Rwanda															X	
SA	L-Arabja Sawdija						X		X								
SG	Singapore	X (2)	X (2)	X (2)	X (9)	X (2)	X				X (2)	X (2a)		X (9)	X (9)		
SL	Sierra Leone															X	

Kodiċi tal-ISO2	Pajjiż (1)	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur tat-trobbija	Prodotti tal-akkwakultura				Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
							Prodotti tas-sajd			Molluski (molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-ibħra)							
							Ħut bil-pinen	Prodotti tal-ħut bil-pinen (eż. il-kavjar)	Krustaċji								
SM	San Marino	X		X (2)							X					X	
SV	El Salvador															X	
SY	Is-Sirja																X
SZ	L-Eswatini	X															
TG	It-Togo															X	
TH	It-Tajlandja	X (2a)		X (2a)		X	X		X	X	X (2a)	X (2a)				X	
TN	It-Tuneżija						X			X							X
TR	It-Turkija					X	X			X	X	X				X	X
TW	It-Tajwan						X		X		X (2a)	X				X	
TZ	It-Tanzanija								X							X	
UA	L-Ukrajna	X		X		X	X			X	X	X	X			X	X
UG	L-Uganda						X									X	
US	L-Istati Uniti	X	X (10)	X		X	X		X	X	X	X	X	X	X	X	
UY	L-Urugwaj	X	X		X		X			X	X			X		X	X
UZ	L-Użbekistan																X
VE	Il-Venezwela								X								
VN	Il-Vjetnam						X		X	X	X (2a)	X (2a)				X	

Kodiċi tal-ISO2	Pajjiż (1)	Bovini	Ovini/ kaprini	Porċini	Ekwini	Tjur tat-trobbija	Prodotti tal-akkwakultura				Ħalib	Bajd	Fniek	Kaċċa salvaġġa	Kaċċa mrobbija	Għasel	Budellati
							Prodotti tas-sajd			Molluski (molluski bivalvi, ekino-dermi, tunikati u gastropodi tal-ibħra)							
							Ħut bil-pinen	Prodotti tal-ħut bil-pinen (eż. il-kavjar)	Krustaċji								
WF	Wallis u Futuna															X	
XK	Il-Kosovo *					X (2)											
ZA	L-Afrika t'Isfel													X	X (11)		
ZM	Iż-Żambja															X	

(1) Din it-tabella fiha lista ta' pajjiżi u territorji. Mhijiex limitata għall-pajjiżi rikonoxxuti mill-Unjoni.
(2) Pajjiżi terzi li jużaw biss materja prima jew mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi oħra li jkunu approvati għall-importazzjoni ta' din il-materja prima lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2.
(2a) Pajjiżi terzi li jużaw prodotti ta' oriġini mill-annimali jew mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi oħra li jkunu approvati għall-importazzjonijiet ta' tali prodotti proċessati lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2, bil-fini li jintużaw biss għall-preparazzjoni ta' prodotti komposti destinati għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni.
(3) Il-ħalib tal-ġemel biss.
(4) Minn hawn 'il quddiem mifhum bħala l-Istat ta' Iżrael, bl-esklużjoni tat-territorji taħt l-amministrazzjoni ta' Iżrael minn Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet ta' Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.
(5) L-ispeċi ovina biss.
(6) Il-Kosovo mhux inkluż.
(7) L-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' ekwidi ħajjin għat-tbiċċir (annimali li jipproduċu l-ikel biss).
(8) Iċ-ċriev biss.
(9) Għall-komoditajiet ta' laħam frisk li joriġinaw minn New Zealand biss, destinati għall-Unjoni, u li jinħattu, jitgħabbew mill-ġdid u jgħaddu minn Singapore, kemm jekk jinħażnu hemm, kif ukoll jekk le.
(10) L-ispeċi kaprina biss.
(11) Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għal pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo.
* Ir-ratiti biss".